# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2022

**Rikors Guramentat Numru: 288/2018 JPG**

**Kawza Numru : 14**

**EC f'isimha proprio u f'isem uliedha l-minuri SC li twieldet f'X, BC li twieled f'Y u JC li twieled f'Z**

**Vs**

**RC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' EC datat 7 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li taf di xjenza proprio:*

***Din hija kawza ghall-manteniment u kura u kustodja ghall-minuri SC Anne, BCu Jakesten, ilkoll ahwa Cassar.***

*Illi l-partijiet tweldulhom tliet (3) minuri, tifla bl-isem ta' SC li twieldet f'X u ghandha X snin, tifel bl-isem ta' BC li twieled f'Y u ghandu Y snin u JC li twieled f'Z u ghandu Z snin, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid taghhom, hawn annessi u markati* ***Dok A****,* ***Dok B*** *u* ***Dok C*** *rispettivament.*

*Illi t-tliet minuri jirrisjedu ma' ommhom l-esponenti fir-residenza tan-nanniet materni.*

*Illi l-minuri BCghandu kundizzjoni medika u cioe' spina bifida, li rizultat taghha l-istess minuri qieghed f'siggu tar-roti.*

*Illi fid-19 ta' Novembru tas-sena 2015 il-partijiet iffirmaw ftehim rigwardanti kura u kustodja, access u manteniment ghat-tliet uliedhom minuri, liema ftehim giet awtorizzat minn din il-Qorti permezz ta' digriet tal-4 ta' Dicembru tal-istess sena. Kopja tal-ftehim qieghda tigi hawn annessa u markata* ***Dok D****.*

*<u>Kura u Kustodja</u>*

*Illi fi klawsola numru wiehed (1) tal-kuntratt sucitat il-partijiet kienu ftehmu illi l-kura u l-kustodja tat-tliet minuri tkun kongunta bejn il-partijiet.*

*Illi rizultat ta' din l-esponenti qieghda tirriskontra diversi diffikultajiet meta tigi sabiex tottjeni l-kunsens tieghu ghall-attivitajiet skolastici u ghal interventi medici tal-minuri Buurennick.*

*Illi ghall-gid suprem tal-minuri, ikun opportun illi l-kura u l-kustodja tat-tliet minuri tigi affidata esklussivament f'idejn l-esponenti.*

*<u>Access</u>*

*Illi fi klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt il-partijiet kien ftehmu illi l-intimat ikollu access ghat-tliet minuri "kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5:00 p.m. u s-7:30 p.m. u sleep-over mill-Gimgha mill-5:00 p.m. sas-Sibt sal-5:00 p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt mill-5:00 p.m. sal-Hadd sal-5:00 p.m., u hekk b'mod alternat minn gimgha ghal ohra."*

*Illi minkejja dan il-ftehim, l-intimat ma huwiex qieghed jezercita dan l-access, b'dan illi l-minuri ma humiex qeghdin jaraw lill missierhom.*

*Illi ghal zmien twil l-intimat kien jezercita biss l-access ta' matul il-gimgha izda mhux fil-weekend ghaliex kien jishaq li ma kellux post fejn iraqqad lit-tliet minuri, izda llum il-gurnata anki dak l-access waqqaf minn jeddu.*

*Illi minkejja li l-minuri, partikolarment il-minuri SC Anne iccempel lill-intimat biex imur ghaliha, dan ma jaghtix kas u jhalliha kull darba b'qalbha maqsuma.*

*Illi l-esponenti qatt ma ostakolat l-access tal-intimat, anzi dejjem inkoraggietu sabiex ikun parti minn hajjet it-tliet uliedhom.*

*Manteniment*

*Illi fi klawsola numru tmienja ittra 'b' (8b) tal-kuntratt sucitat, l-intimat kien obbliga ruhu illi jhallas lill-esponenti, bhala manteniment ghat-tliet minuri s-somma ta' mija u hamsin euro (€150) kull erba' gimghat.*

*Illi dak iz-zmien kien sar dan il-ftehim peress illi l-intimat ma kienx qieghed jahdem u kien jircievi biss il-beneficcji socjali.*

*Illi l-intimat qatt ma jkun puntwali fil-hlas tal-manteniment u l-esponenti kull darba jkollha toqghod titkarrab u tittallab sabiex dan jithallas.*

*Illi fi klawsola numru tmienja ittra 'c' (8c) l-partijiet kienu ftehmu illi l-ispejjez straordinarji relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, izda sfortunatament mhux qieghed isir hekk.*

*Illi l-esponenti ghandha informazzjoni illi l-intimat qieghed jahdem fuq bazi full-time, u ghalhekk ma jistax ikun illi huwa jibqa' jhallas manteniment daqshekk mizeru li certament ma jkoprix l-ispejjez enormi illi l-esponenti tinkorri ghall-bzonnijiet tat-tliet minuri minn zmien ghal zmien.*

*Illi l-intimat kien ghamel perjodu ta' ftit xhur ihallas manteniment ta' tliet mitt euro (€300) fix-xahar, izda minn jeddu u minghajr l-ebda raguni huwa kien rega' rriducih ghal €150.*

*Illi bhalissa l-esponenti ma ghandhiex impjieg u minhabba l-kundizzjoni tal-minuri BCli spiss ikollu jigi rikoverat l-isptar, u dan minbarra l-visti kontinwi tieghu ghand it-tobba u fl-isptar, ikun ferm difficli ghaliha illi ssib impjieg, imqar part-time.*

*Illi ghalhekk jehtieg illi l-manteniment ghat-tliet minuri jigi awmentat sabiex ikun jirrifletti l-bzonnijiet taghhom.*

*Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju u dan stante illi l-intimat ma attendiex ghas-seduti tal-istess medjazzjoni, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat* ***Dok E****.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-*

1. *Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri SC Anne, BCu Jakesten, ahwa Cassar tigi affidata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;*

2. *Tordna illi kull beneficcju socjali u / jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti lill-minuri jkunu pagabbli esklussivament lir-rikorrenti;*

3. *Tordna lill-intimat sabiex jivversa manteniment fiss ta' €500 fix-xahar ghat-tliet uliedu minuri u dan apparti sehmu mill-ispejjez ordinarji u straordinarji ta' sahha u edukazzjoni.*

4. *Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena bir-rata ta' wiehed fil-mija (1%) fuq is-sena precedenti mid-data tad-digriet;*

5. *Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat b'dan illi l-employer tal-intimat ghandu jigi ordnat jesegwixxi din l-ordni u jibghat cekk direttament lill-esponenti;*

6. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tapplika u ggedded il-passaport tat-tliet minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat.*

*Bl-ispejjez, u bil-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata 14 ta' Dicembru 2018 (Vide fol 34) li taqra hekk:

*Illi din ir-risposta qed issir ghar-Rikors promotur tal-attrici datata 7 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmitax (2018);*

*Illi hu minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni u kellhom tlett itfal minuri, senjatament SC, li llum ghandha disa snin, BCli llum ghandu seba snin u Jakesten, li llum ghandu erba snin, l-ahwa Cassar, li ghadhom minorenni.*

*Illi hu minnu li t-tfal qed jirrisjedu ma l-omm fir-residenza tann-nanniet materni, izda mhux qed jitrabbew f'ambjent san. Anzi il-minuri qed jkun esposti ghall-hajja laxka u moralment dubjuza tal-attrici u tal-membri ohra tal-familja taghha li jghixu fl-istess dar fejn qed jinzammu l-minuri, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

*Illi huwa minnu li l-minuri BCjbati mill-kundizzjoni medika ta' spina bifida u li llum il-gurnata qieghed f'siggu tar-roti izda skond l-esponent rikorrent, tali sitwazzjoni aggravat unikament tort ta' l-attrici, u cjoe minhabba n-nuqqas assolut da parti taghha sabiex tiehu hsieb lill-imsemmi minuri, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet ffirmaw kuntratt sabiex jirregolarizzaw il-kura u kustodja, access u manteniment ghat-tlett ulied taghhom, liema ftehim gie anness fir-rikors promotur;*

*Illi mhux minnu xejn dak li qed jigi allegatt dwar ir-responsabilita tal-missier konvenut esponent, anzi pjuttost bil-kontra, fis-sens illi l-attrici qed tonqos kontinwament fl-obbligi taghha bhala omm, liema haga qed isservi ta' hsara kbira ghall-istess minuri;*

*Illi l-konvenut dejjem irsista dwar is-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal , u dejjem baqa' jinsisti li jkollu sehem attiv, madanakollu l-attrici ppruvat taghmel minn kollox sabiex timpedih u dan kif ser jigi ppruvat fil-kawza;*

*Illi l-attrici qed timpika u tuza it-tfal bhala arma kontra l-missier esponent;*

*Illi l-mobile ta' l-attrici ta spiss ikun mitfi, b'tali li l-konvenut esponent ma jkunx jista jaghmel kuntatt mat-tfal, u lanqas biss jigi infurmat jekk jigri xi haga lil f'sitwazzjonijiet ta' emergenza;*

*Illi in vista tal-presuppost, l-attrici qed tonqos fl-obbligi taghha bhala omm, liema haga qed isservi ta' hsara kbira ghall-istess minuri;*

*Illi dwar l-access l-esponent jinnega kategorikament l-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet tal-attrici u jghid li huwa jsib diffikultaijiet konstati u esasperanti minhabba li l-istess attrici b'mod regolari qed timpedixxi u/jew tfixkel lill-konvenut esponent milli jara lill-uliedu, hekk kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi l-esponent kif ukoll it-tfal urew/esprimew ix-xewqa li jqattghu aktar hin flimkien izda l-attrici dejjem tohloq xi skuza u/jew taqla xi argument fuq ix-xejn, biex b'hekk tkun qed timpedixxi hi stess illi l-missier konvenut jezercita l-access tieghu!*

*Illi rigward il-manteniment il-konvenut, ghalkemm skond il-kuntratt kien obbligat illi jhallas is-somma ta' EUR 150.00 kull erba' gimghat, huwa kien ihallas ferm izjed u dan anke meta ma kienx qed jahdem skont kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi l-konvenut waqaf ihallas izjed minn dak ghaliex ma felahx izjed ghat-taghjir, kliem hazin u glied li kienet qed taqla l-Attrici kull meta kien imur u/jew jaghmel kuntatt mat-tfal l-ahwa Cutajar, u peress illi l-istess attrici, minflok tara l-bzonnijiet tat-tfal, dejjem ppreferiet tonfoq il-flus fuq xorb alkoholiku, sigaretti u hrug zejjed!*

*Illi l-attrici qatt ma talbet lill-konvenut esponent jew pprezentat ricevuti dwar spejjes ordinarji u straordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Kif ser jidher fil-mori tal-kawza , huwa l-konvenut illi qed jssumi dawn l-ispejjez, inkluz spejjez extra kurrikulari cioe' ghal lezzjonijiet tal-kant ghat-tifla SC, u spejjez ta' tobba u medicina kif ukoll spejjez ta' kotba;*

*In vistas tal-presuppost, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi dwar l-ewwel talba ta' l-attrici, l-konvenut jopponi ghaliha peress illi l-attrici m'hijiex kapaci tassumi wehedha l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied. Ir-rikorrenti umilment jissottometti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri ulied jekk il-kura u l-kustodja taghhom jigu fdati esklussivament f'idejn l-istess konvenut, dan stante ghal fatt li t-talba taghha hija msejsa fuq allegazzjoni li hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ampjament provat fit-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll permess li hija mhux idonja biex tassumi r-responsabilita tal-kura u l-kustodja tal-ulied minuri;*

*Illi dwar it-tieni, ir-raba, il-hames u s-sitt talba, dawn ghandhom jigu michuda . Tali talbiet huma skorretti billi qed janticipa intempestivament 'pendente lite' dak li ghad irid jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi dwar it-tielet talba, din ghandha tigi michuda stante illi ir-rikorrenti dejjem qeda d-dmirijiet tieghu ta' hlas tal-manteniment, dejjem skond il-mezzi tieghu. Ir-rikorrenti jirrikonoxxi l-obbligu tieghu illi jmantni lil uliedu, kif dejjem ghamel, u ghadu qed jaghmel prezentement, izda dejjem sal-livell illi jippermettulu l-mezzi finanzjarji tieghu kif ser jigi spjegat f'aktar dettall fil-mori tal-kawza;*

*Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez.*

*Salv risposta ulterjuri/eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-digriet taghha datat 9 ta' Lulju 2019, li permezz tieghu il-Qorti ordnat illi l-intimat jhallas is-somma ta' €450 fix-xahar bhala manteniment pendente lite;
Rat id-digriet taghha datat 2 ta' Gunju 2021, a fol 348A li permezz tieghu il-Qorti ordnat illi l-minuri SC Anne tkun ritornata ma' ommha ECkif ukoll ir-residenza ordinarja tal-istess minuri ghandha tkun ma ECu ma hutha.

Rat illi fid-diversi seduti mhejjija mill-Assistenti Gudizzjajri kif ukoll minn dina l-Qorti ma deher hadd mill-partijiet wisq anqas l-avukati difensuri taghhom. (Vide fol 362 et seqq kif ukol fol 366)

Rat illi l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi tal-intimat maghluqa nhar it-2 ta' Gunju 2022 (Vide fol 366.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici ECxehdet nhar is- 7 ta' Marzu 2019** *(vide fol 53A et seq)* u tispjega illi hi u l-intimat ilhom hames (5) snin ma jghixux flimkien. Tixhed illi l-partijiet kellhom relazzjoni ta' seba' (7) snin u minn din r-relazzjoni kellhom tlett itfal: SC, li ghandha disa' (9) snin, BC li ghandu seba' (7) snin u JC li ghandu hames (5) snin. L-attrici tirrileva illi hija ma tahdimx ghaliex hi trid tiehu hsieb l-appuntamenti tal-minuri BCli ghandu l-kondizzjoni ***spina bifida,*** u jehtieg li jkun operat ta' sikwiet.

Fir-rigward manteniment tispjega illi l-intimat qieghed jghaddilha EUR 150 fix-xahar ghal tlett itfal, liema ammont, tixhed illi mhuwiex bizzejjed. L-attrici tirrileva illi hija ma tahdimx, u tghaddi biss bi-relief. Hija tishaq illi ma tistax tahdem u ommha llum il-gurnata ma tistax izzommilha t-tfal biex hi tohrog tahdem. L-attrici tispjega illi hi ghadha tghix ma' ommha u b'dana l-mod tiffranka l-kera, izda l-bqija tal-ispejjes trid taghmel tajjeb ghalihom hi. Fir-rigward access, l-attrici ssostni illi l-intimat mhux dejjem jiehu lill-minuri ghall-access, u dan l-access jigi ezercitat b'mod sporadiku. Illi minhabba dan, it-tifla minuri qieghda tispicca tahrab mid-dar biex tmur tara lill-missierha ghaliex qieghda thoss hafna in-nuqqas tieghu f'hajjitha.

In kontro-ezami, l-attrici tikkonferma illi minn wara li ffirmaw il-kuntratt, l-intimat kien qieghed jghaddilha tlett mitt ewro (EUR 300), imma meta fettilu, rega' qabad jaghtiha mija u hamsin ewro (EUR 150). L-attrici tishaq illi kien waqaf jahdem mal-*Prime Limited* u ghalhekk rega naqqas l-ammont. L-attrici tinnega illi hi qatt heddet lill-intimat. Tikkonferma illi hi kienet tibghatlu meta hu kien ikun tardiv fil-hlas tal-manteniment u dana peress li jkun spiccala kollox. Mistoqsija minn din il-Qorti jekk l-intimat ikunx prezenti ghall-appuntamenti medici tal-minuri, l-attrici tishaq illi l-intimat jigi meta jkun operat it-tifel, il-bqija hija tigri bih ghall-appuntamenti, izda l-intimat imur kuljum meta jkun ghadu kif gie operat il-minuri. L-attrici tinsisti ukoll illi meta ma haditx lill-minuri ghal xi appuntament, ikun hemm raguni, jew ghax it-tfal ma jkunux jifilhqu, jew ghax tkun ma tiflahx hi. Rigward hrug, ix-xhud tishaq illi hi tohrog darba fil-gimgha u ma tonfoqx il-flus tat-tfal ghall-hrug.

**Ri-prodotta nhar il-21 ta' Gunju 2019 (***vide fol 134 et seq),* **l-attrici** xehdet illi l-intimat qieghed jahdem ma' tal-*iscammel* illi pero jidher li mhuwiex registrat li qieghed jahdem mat-tali kumpanija.

**L-intimat RC xehed nhar id- 9 ta' Lulju 2019** *(vide fol 140 et seq)* u spjega illi huwa ma jaqbilx mad-decisjonijiet tal-attrici. Jishaq illi l-minuri ma jkunux nodfa u l-imgieba tal-minuri qieghda tinkwetah. Izid illi t-tifla qieghda tahrab mid-dar, u anke qieghdin jigru hafjin lejn l-iskola. Jirrileva illi ttermina r-relazzjoni mal-attrici ghaliex kien ghejja. Hi kienet tkun trid tohrog u hu ma kienx ikollu aptit. L-attrici kienet taghmel id-dejn ma' tal-*grocer* u hu ma kienx jiehu pjacir bih. Mistoqsi jekk kienx itiha flus dak iz-zmien, hu jinsisti illi kien ihalli l-paga d-dar u hi kienet taqbad u tiehu minnha biex thallas id-dawl u l-ilma, u biex jixtru l-ikel. Dak iz-zmien huwa kellu paga ta' EUR 1000-1200. Illi minnhom, huwa kellu EUR 500 spejjes. Jixhed illi l-attrici kienet tmur taghmel xagharha u anke d-dwiefer, u anke kienu johorgu flimkien bit-tfal u gieli anke minghajr it-tfal.

Rigward it-tfal izid illi, BCdejjem b'siequ misluha ghaliex joqghod jigri mal-art fuq il-bejt u jispicca l-isptar. Illi ukoll il-minuri ghandu habta johrog fit-triq, tant li darba minnhom kien ser itajjru l-intimat stess. Rigward manteniment jikkonferma illi l-ahhar li ivversa manteniment kien fl-ammont ta' EUR 150 ghal tlett itfal, u dan skond id-digriet. Jishaq illi naqqas l-access ghaliex kull meta kienu qed ikunu mieghu t-tfal, kienu qieghdin imorru jigdbu fuqu l-iskola.

In **kontro-ezami** l-intimat jiddikjara illi huwa qieghed jahdem ma' R&A Company bhala full-time driver. Mistoqsi jekk avzax lill-attrici b'dana l-impjieg tieghu, l-intimat jishaq illi l-attrici tarah, ghax Hal Qormi stess jahdem. Mistoqsi ukoll jekk hux qieghed jivversa sehemu mill-ispejjes ta' sahha, u edukazzjoni tal-minuri, l-intimat isostni illi l-attrici dejjem tghidlu illi m'ghandhom bzonn xejn. Mistoqsi jekk kienx avvicina lill-attrici sabiex jigi rivedut il-manteniment issa li qieghed jahdem, l-intimat jiddikjara illi huwa baqa' jaghtiha il- mija u hamsin ewro (EUR 150). L-intimat jixhed ukoll illi huwa qieghed jaqla' mija u hamsin (EUR 150) ewro fil-gimgha minn dan l-impjieg.

Mistoqsi jekk hux registrat, l-intimat jinsisti illi huwa registrat u issa ilu ftit f'dan ix-xoghol. Jindika illi l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma mit-8:00am sal-16:00 u ma tantx ikollu overtime. Fir-rigward l-ispejjes personali l-ohra tieghu apparti l-manteniment, l-intimat jispjega illi l-kera hija maqsuma bejn hafna nies peress li fid-dar tal-gerituri tal-*partner* tieghu jghixu hafna nies,

u l-istess japplika ghall-kontijiet l-ohra bhal dawk u ilma, *internet* etc. Aapparti dawna l-ispejjes, l-intimat jixhed illi jhallas l-kont tal-*mobile* u *petrol* ghall- karozza. Fir-rigward l-access, l-intimat jinsisti illi sal-gimgha ta' qabel, il-minuri kienu mieghu.

**Carmen Cutajar, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit** *(vide fol 282 et seq)* fejn spjegat illi ilha taf lill-intimat madwar tnax (12) – il sena, b'dana illi sebgha (7) snin minnhom huwa kien f'relazzjoni ma' bintha, filwaqt li l-hames (5) snin l-ohra kienu mifrudin. Kemm dam flimkien, bintha u l-intimat kienu infirdu darbtejn, u l-intimat kien telaq mid-dar. Dak iz-zmien kienet marret tfittxu biex tghinhom jirrangaw in-nuqqasijiet ta' bejniethom. Illi pero' l-ahhar darba li telaq, l-intimat mar ma' mara ohra li kienet habiba ta' bintha u ghadu maghha sal-lum. Illi meta l-minuri SC-Anne kellha madwar erba' (4) xhur, kienu marru joqghodu maghha (ma' omm l-attrici). Tiddeskrivi lill-intimat bhala persuna li jfur malajr izda wara ftit jghaddi kollox. Meta kienu ghadhom flimkien, it-tfal kellhom l-aktar attenzjoni minghandha u bintha milli minghand l-intimat.

Ghalkemm kienu ghamlu habta kienu krew post f' Hal Qormi, kienet hi li kienet tohdilhom l-ikel u tahsillhom il-hwejjeg. Ix-xhud tikkonferma illi l-intimat qieghed jahdem ma' tal-*bulky refuse* ghaliex gieli ratu jigbor l-affarijiet mit-triq taghhom stess. Fir-rigward l-manteniment, ix-xhud tishaq illi l-intimat kien ihallas EUR 150 ghaliex ma kienx jahdem u dan kien dak li iffirmaw fil-kuntratt. Ghalkemm huma kienu jafu li kien qieghed jahdem, ix-xoghol tieghu ma kienx registrat.

Ix-xhud tispjega illi hija tghin lill-bintha b'mod finanzjarju u anke taghmel ix-xirjiet ghalihom. Il-minuri ikunu ma' bintha, u bintha tohrog biss darba fil-gimgha, il-Gimgha jew is-Sibt, u thallihom maghha meta tohrog. Mill-bqija, l-attrici dejjem tkun maghha d-dar jiehdu hsieb lit-tfal. Ghalkemm dejjem tohroghom kemm tista' u tohodhom il-bandli, minhabba finanzi ftit limitata fejn tista' tohodhom. Izzid illi l-intimat ma tantx jigi ghall-minuri minkejja li huma jistaqsu ghalih, specjalment it-tifla. Ix-xhud tinsisti illi t-tifla qieghda tbati hafna minhabba s-sitwazzjoni, li gieli lanqas tkun tista' torqod bil-lejl u jkollha tohorgha timxi x-xhud.

**Gertrude Scerri rapprezentanta mill-Isptar Mater Dei xehdet nhar l-14 ta'Dicembru 2020** u prezentat il-file mediku tal-minuri Buurenick Cassar.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza dwar minn mill-partijiet ghandu jkun fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri SC li twieldet f'X u ghandha kwazi X -il sena, BC li twieled f'Y, li ghandu Y – il sena u JC li twieled f'Z u ghandu Z snin, ulied il-partijiet.

***Kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ix-xorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...***"

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap***

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*** [5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*** [7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)** fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

### *Access*

Illi fir-rigward l-access, inghad illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***
>
> ***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
> ***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Manteniment***

[8] Enfazi tal-Qorti.

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-**Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti  tosserva illi l-udjenza tat 18 ta' Mejju 2021 kienet l-ahhar udjenza li attenda ghaliha l-intimat u dana minkejja li l-intimat intavola rikors *pendente lite* fil- 5 ta' Mejju 2021 fejn talab lil din il-Qorti tafdalu l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ahwa Cassar. Illi minn dakinhar 'l quddiem la l-intimat u lanqas l-abbli konsulent legali tieghu ma attendew ghas-seduti, b'dana illi fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2022, din il-Qorti kienet kostretta li taghlaq l-istadju tal-provi tal-intimat.

Illi ukoll fl-1 ta' Dicembru 2021, il-konsulenti legali tal-attrici rrinunzjaw ghall-patrocinju hekk kif jirrizulta min-nota *a fol 359* tal-atti. Illi minn Dicembru tas-sena 2021'l hawn ma deher hadd mill-partijiet, la quddiem din il-Qorti kif preseduta u lanqas quddiem l-Assistenta Gudizzjarja minkejja li kien hemm xi seduti ffissatti ghall-provi. Illi fl-udjenza tat- 2 ta' Gunju 2022, din il-Qorti kienet akkordat lill-attrici l-fakolta' li tippresenta nota ta' sottomissjonijiet fi zmien gimghatejn, b'dana illi l-intimat ikollu hmistax – il gurnata ghall-nota responsiva. Illi pero' mill-atti jidher illi entrambi l-partijiet baqghu inadempjenti.

Illi ghal kull buon fini il-Qorti tosserva ukoll illi fl-udjena tat-18 ta' Mejju 2021, l-avukat difensur tal-intimat kienet infurmat lil din il-Qorti illi minkejja li l-udjenza kienet intiza ghall-provi tal-intimat, l-intimat fuq parir tal-Psikjatra tieghu Dr Mark Xuereb, l-intimat ma kienx f'qaghda li jiddeponi minhabba l-istat mentali tieghu, minhabba z-zmien difficli li kien ghaddej minnu. Il-Qorti tinnota illi ebda certifikat mediku ma gie pprezentat. Illi pero' l-ebda talbiet hekk kif dedotti fir-rikors tal- 5 ta' Mejju 2021 da parti tal-intimat ma gew irtirati. Il-Qorti taghraf ukoll illi ma inghatat l-ebda informazzjoni ohra ghar-rigward is-sahha tal-intimat fl-udjenzi sussegwenti.

Il-Qorti kellha l-opportunita di piu', li tifli bir-reqqa r-rapport tal-Agenzija Appogg tat-28 ta' Awwissu 2019 fejn minkejja li l-intimat quddiem din il-Qorti, jitlob illi jinghata il-kura u kustodja esklussiva tat-tlett itfal mal-Agenzija Appogg, il-missier u s-siehba tieghu taw il-fehma veritiera taghhom:

> ***"Il-missier u s-siehbu tieghu kienu qalu li ma jhossux li t-trobbija tal-omm hija adekwata. Madanakollu qalu illi huma ma jistghux jiehdu lill-minuri jghixu maghhom. Is-siehba tal-missier qalet illi hija ma tistax tiehu hsieb lit-tfal kollha inkluz tas-sinjur Cassar sakemm huwa jkun xoghol…"*** - vide rapport a fol 313.

Illi minkejja d-diversi opportunitajiet moghtija lill-intimat biex iressaq il-provi tieghu, l-intimat baqa' inadempjenti. Ghaldaqstant il-Qorti kienet kostretta taghlaq l-istadju tal- provi tieghu u tghaddi ghas-sentenza u dana in vista tal-qaghda finanzjarja imwiera tal-attrici li qed tikkura wahidha tlett itfal minuri.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima mill-liema relazzjoni kellhom lit-tliet minuri SC-Anne Cassar li twieldet fil- 15 Ottubru 2009 u ghandha kwazi tlettax- il sena (13), BC li twieled fil-25 ta' Settembru 2011, li ghandu hdax (11) – il sena u JC li twieled fit- 2 ta' Gunju 2014 u ghandu tmien (8) snin. Illi l-Qorti rat illi l-minuri BCghandu l-kondizzjoni tal-**Spina Bifida**. Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni duratura li damet circa seba' (7) snin. Illi l-partijiet ilhom hames (5) snin li qabdu toroq separati. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iffirmaw ftehim datat 19 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu irregolaw l-kura u l-kustodja tal-minuri, l-access u l-manteniment ghall-minuri. Illi l-attrici intavolat il-proceduri *de quo* fis- 7 ta' Novembru 2018.

Illi fil-ftehim imsemmi il-partijiet kienu qablu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tibqa' wahda kongunta, b'dana illi r-residenza primarja tal-minuri kellha tkun mal-omm. Illi l-intimat missier kellu dritt ta' access versu l-minuri u kien ukoll ordnat ihallas manteniment ghall-istess uliedu.

Illi kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Mario Darmanin vs Annalise Cassar*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014:

> ***"meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u dimeriti tal-partijiet ut sic izda miss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri." [Vide ukoll Frances Farrugia vs Duncan Caruana deciza fil-31 ta' Mejju 2017; Marlon Grech vs Charlene Banks deciza fil-15 ta' Gunju 2017.]***

Illi huwa r-rwol u l-kompitu ta' din il-Qorti illi f''kawzi bhal dik odjerna, tipprotegi u thares l-ahjar interess tal-minuri, ghaliex l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri u l-intress suprem illi din il-Qorti ghandha dejjem izzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri.

Illi fid-dawl ta' din id-duttrina u applikati dawn il-principji, din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tat-testimonjanzi kollha tal-partijiet, it-testimonjanzi tax-xhieda l-ohra, u tar-rapport redat mill-haddiema socjali Naomi Bellotti datat 27 ta'Awwissu 2019 *a fol 313* tal-atti *(vide vol 2)*, din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddipartixxi minn dak deciz precedentement minnha fid-digriet *pendente lite* taghha tat-2 ta' Gunju 2021 *a fol 348A* tal-atti, fejn il-Qorti waqt li kienet ordnat ir-ritorn ta' SC, kienet irriteniet:

***Jidher li kien biss wara li l-Qorti akkordat manteniment ghall-ulied fl-ammont ta' €450 fix-xahar li l-intimat irreagixxa billi deher li beda jinteressa ruhu f'uliedu. Jidher car daqs kristall li minkejja li fir-rikors tieghu, l-missier jidher li qed jitlob ghall-kura u kustodja tat-tliet ulied, din it-talba hija kontradetta mill-istess intimat u s-siehba tieghu, li fir-realta' la jridu, wisq anqas huma kapaci li jiehdu hsieb ta' trobbija ta' tliet ulied, wiehed minnhom b'tant bzonnijiet specjali minhabba l-kundizzjoni ta' spina bifida tieghu. Il-Qorti tinnota li RC lanqas ma jidher illi huwa regolari fl-access ordnat minn din il-Qorti, wisq anqas ma jaghti pre-avviz meta jkun ser jonqos milli jippresenta ruhu ghall-access. Il-Qorti rat li fil-konkluzjonijiet tal-Agenzija Appogg, l-istess Agenzija kienet ndunat u rrimarkat dwar l-ambivalenza tax-xewqat tal-missier fejn si tratta ta' kura u kustodja ta' uliedu u rrimarkat li l-missier ma ghandux pjan car rigward il-minuri.***

***Minn naha l-ohra, ECdejjem kienet hemm ghall-bzonnijiet kollha ta wliedu u di piu, apparti li tattendi ghall bzonnijiet medici tal-minuri BCfl-isptarijiet, ilha ssegwi programm ta' parental skills ghal dawn l-ahhar erbgha xhur.***

***Kura u Kustodja tal-Minuri:***

Mir-rizultanti probatorji jirrizulta ampjament illi ghalkemm forsi bil-limitazzjonijiet taghha, kienet l-attrici li rabbiet u dejjem hadet hsieb il-kura tal-ulied tal-partijiet, b'mod partikolari it-tifel tan-nofs, BCli ghandu l-kondizzjoni tal-Spina Bifida, u ghalhekk kien u ghadu jehtieg attenzjoni u kura partikolari. Illi ghajr ghall-ghajnuna tal-genituri taghha, b'mod specjali dik ta' ommha, l-attrici kienet l-uniku genitur li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tlett uliedha u kienet l-attrici li dejjem hadet hsieb takkumpanja lill-minuri BCghall-appuntamenti medici kollha tieghu stante li l-intimat missier kien izur lill-ibnu biss meta l-istess kien jigi operat. Illi din il-Qorti rat kif l-attrici ghamlet dak li hu umanament possibbli biex rabbiet lill-uliedha bl-ghajnuna tal-beneficcji socjali u b'manteniment mizeru ghall-ahhar fl-ammont ta' EUR 150 ghall-tlett ulied. Illi minkejja li l-intimat talab li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, din il-Qorti ma tqisx illi l-intimat mhuwiex persuna affidabbli u psikologikament preparat sabiex jidhol ghal dan il-piz, stante li lanqas ghall-access ma kien regolari jew tal-inqas jaghti pre-avviz lill-attrici u lit-tfal meta jkun ser jonqos milli jmur ghall-minuri.

Illi kif diga rilevat minkejja li din il-Qorti hija konxja li l-attrici ukoll ghandha l-limitazzjonijiet

taghha, taghraf illi l-attrici hadet l-inizjattiva sabiex tattendi *parenting skills course* u fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan jindika illi l-attrici ghandha ghall-qalbha l-benessere ta' uliedha.

Illi di piu', il-Qorti rat illi l-verita kollha harget fir-rapport ta' Awissu 2019, fejn ex-admisses, l-intimat u s-siehba tieghu ammettew sfaccatament li ma riedux illi jigu mghobbija bil-kura u kustodja tat-tfal, minkejja li talbu ghaliha. Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi din it-talba tal-intimat ghall-kura u kustodja saret biss b'maniggi biex tbezza lill-attrici u tikkonstringiha titlob ghal inqas manteniment.

Illi di piu' jidher b'mod ampju mix xhieda kollha rakkolta li l-intimat qieghed jahdem u ilu jahdem u minkejja dan, zamm dan il-fatt mistur sabiex huwa jkompli jghaddi biss manteniment ta' €150 ghal tlett itfal minkejja li wiehed minnhom ghandu kondizzjoni ta' spina bifida.

Illi ghaldaqstant, jirrizulta b'mod apmju li c-cirkostanzi finanzjarji tal-intimat tbiddlu radikament bl-impjieg tieghu.

Illi ghalhekk u f'dawn ic-cirkostanzi mibdula din il-Qorti tqis illi huwa fl-ahjar interess tat-tlett itfal illi tafda lill-attrici bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri SC-Anne Cassar li twieldet fil- 15 ta' Ottubru 2009 u ghandha kwazi tlettax- il sena (13), BC li twieled fil-25 ta' Settembru 2011, li ghandu hdax (11) – il sena u JC li twieled fit- 2 ta' Gunju 2014 u ghandu tmien (8) snin, ulied il-partijiet, b'dana illi l-attrici hija awtorizzata li tiehu wahidha kwalsiasi decisjoni ordinarja jew straordinarja relatata mal-minuri. Illi naturalment din il-Qorti tordna illi r-residenza primarja tal-minuri kollha ghandha tkun mal-attrici.

***Access:***

Illi tul il-mori tal-proceduri din il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat ma kienx regolari fl-access, il-minuri, b'mod partikolari bint il-partijiet SC-Anne, kienet tkun herqana hafna sabiex tqatta' hin ma' missierha. Illi hutha s-subien, minkejja li kienu jkunu xi ftit jew wisq anqas entuzjasti, BCkien stqar mal-haddiema socjali illi jekk hutu l-ohra imorru, huwa jmur ukoll. Illi l-minuri JCkien afferma illi huwa tajjeb ghalih jekk iqatta' ftit hin mal-missier. Illi kuntrarjament ghall-ohthom, SC-Anne, din il-Qorti rat illi hemm xi ftit riluttanza da parti tas-subien li jkollhom rapport mal-missier, u dana kuntrarjament ghall-ohthom li taghmel minn kollox sabiex missierha l-intimat jaghtiha ftit attenzjoni. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-modalita' u l-

hinijiet tal-access ghandhom ikun imfasslin skond l-esigenzi u x-xewqat tal-minuri b'mod individwali.

Din il-Qorti taghmel taghha dak il-parti ta' ftehim dwar l-access, fil-kuntratt tad- 19 ta' Novembru 2015, b'dana illi l-intimat ghandu jkollu access versu it-tlett minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5:00pm u s-7:30pm. Illi din il-Qorti tqis illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri kollha li jkun hemm *sleep over* .

***Manteniment.***

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghalledukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Din il-Qorti rat illi fl-udjenza tad- 9 ta' Lulju 2019, din il-Qorti kienet ordnat manteniment *pendente lite* fl-ammont ta' EUR 450 fix-xahar li ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-intimat u li kellu jithallas permezz ta' cekk mibghut direttament lill-attrici. Illi mid-dokumentazzjoni esebita in atti jidher illi effettivament ix-xoghol presenti tal-intimat bhala xufier tal-bulky refuse ma' R&A mhuwiex registrat, stante lil-ahhar xoghol indikat fl-*employment history* tal-intimat a fol 128 huwa dak mal-*Prime Ltd.*

Illi kif ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, din il-Qorti ma tista qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u terhi kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-Istat. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lill-attrici l-ammont ta' seba' mitt euro (€700) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema manteniment jinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna ukoll illi fl-eventwalita' li l-minuri BC ikun jirrikjedi spejjes ta' sahha straordinarji, din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jhallas nofs tali spejjes. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont u cioe seba' mitt euro (€700) ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-intimat u ghandu jithallas permezz ta' cekk mibghut direttament lill-attrici. Din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jzdied skond l-gholi tal-hajja.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri SC-Anne Cassar li twieldet fil- 15 Ottubru 2009 BC li twieled fil-25 ta' Settembru 2011, u JC li twieled fit-2 ta' Gunju 2014 qieghda tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici omm;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali/ u jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu eligibbli ghalihom il-minuri u/jew l-attrici ghandhom ikunu percepiti mill-attrici;**

3. **Tilqa' it-tielet talba limitatament u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' seba' mitt euro (€700) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema manteniment jinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna ukoll illi fl-eventwalita' li l-minuri BC ikun jirrikjedi spejjes ta' sahha straordinarji, din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jhallas nofs tali spejjes straordinarji;**

4. **Tilqa' r-raba talba tal-attrici limitatament u tordna illi l-manteniment dovut ghandu joghla skond l-indici tal-gholi tal-hajja;**

5. **Tilqa' l-hames talba tal-attrici u tordna illi l-manteniment hawn ordnat ghandu jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat u/jew kwalsiasi beneficcju, pensjoni li talvolta l-intimat ikun qieghed jircievi u tordna illi l-manteniment dovut ghandu jithallas permezz ta' cekk mibghut direttament lill-attrici.**

6. **Tilqa' s-sitt talba tal-attrici u tawtorizzaha tapplika u ggedded il-passaporti tal-minuri minghajr il-kunsens, firma jew presenza tal-intimat stante li l-attrici hija vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri kollha.**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**